# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar, il-Ħamis, 9 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 11**

**Rikors numru 403/16/1 MCH**

**Salvatore Vella, Vincent Vella, Raymond Vella, Carmel sive Lino Vella u Victoria Vella**

**v.**

**(i) Ir-Reġistratur (Qrati Ċivili u Tribunali)**

**(ii) Raffaele Vella**

**(iii) Anthony Vella**

**(iv) Dr John Vassallo u l-PL (illum Avukat) Noel Bianco**

**(v) Dr Ruth Scott**

1. Rat ir-rikors tar-rikorrenti aħwa Vella tat-23 ta' Mejju, 2016, li permezz tiegħu ngħad:

*"1. Illi dan huwa rikors ta' ritassa li qed jigi mressaq ai termini tal-artikolu 64 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;*

*Sfond Fattwali*

*2. Illi permezz ta' rikors promotorju datat 30 ta' April 2010, Raffaele Vella ntavola proceduri gudizzjarji fl-ismijiet Raffaele Vella vs Salvino Vella et. (Rikors Guramentat Nru. 440/10JZM), liema proceduri gew konkluzi favur l-attur permezz tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili (Prim Awla) moghtija fid-29 ta' Frar, 2016 (kopja nformali tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. A');*

*3. Illi in succint, tant biex jinghata sfond tal-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni, l-attur f'dik il kawza kien qieghed jallega li gie lez id-dritt tieghu ghas-sehem rizervat spettanti lilu mill-wirt ta' missieru, Saviour Vella, li kien ukoll missier il-kontendenti l-ohrajn ahwa Vella, u dan stante li permezz tal-ahhar testment tieghu l-imsemmi Saviour Vella stitwixxa bhala eredi universali tieghu lill-uliedu Victoria, Raymond, Salvatore, Vincent u Carmel sive Lino f'sehem indaqs bejniethom, filwaqt illi l-istess Raffaele Vella gie ezkluz mill-istess wirt dato li dan tal-ahhar kien gie dizeredat; ir-rikorrent Raffaele Vella kien qieghed isostni illi r-raguni ghad-dizeredazzjoni moghtija fit-testment innifsu ma kinitx skont il-ligi;*

*4. Illi tramite r-rikors tieghu, u senjatament fit-tieni talba attrici, l-attur Raffaele Vella talab lill-Qorti tillikwida s-sehem rizervat dovut lilu skond il-ligi mill-assi ereditarju ta' Saviour Vella, li miet fit-2 ta' Mejju, 2000;*

*5. Illi sabiex isir dan, l-attur qabel xejn talab [bl-ewwel talba tieghu] li l-Qorti joghgobha tillikwida l-assi ereditarju tal-hawn fuq imsemmi Saviour Vella biex b'hekk ikun jista' jigi determinat l-valur tas-sehem rizervat rispettiv spettanti lir-rikorrent;*

*6. Illi addizzjonalment l-attur talab ukoll li l-Qorti tipprocedi skond is-segwenti:*

*- Tordna li jigi assenjat lill-istess attur is-sehem legittimarju li jigi hekk likwidat;*

*- Tiffissa l-jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili opportun, minn Nutar Pubbliku li jigi nominat ghal dan l-iskop, sabiex issir l-assenjazzjoni lill-attur tas-sehem legittimarju spettanti lilu kif likwidat; u*

*- Tinnomina kuraturi biex jirrapresentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att notarili hawn fuq riferit;*

*7. Illi fis-sentenza taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet b'mod shih it-talbiet tal-attur [hlief ghall-ahhar zewg talbiet billi ma kienux mehtiega], Ghaldaqstant, il-Qorti stabbiliet illi l-valur determinat tal-assi tad-decujus kien ta' erba' mija u dsatax-il elf, hames mija u tnejn u sittin ewro u dsatax-il centezmu (€419,562.19), b'dan illi l-kwantum tas-sehem rizervat tal-attur kif mitlub fit-tieni talba tal-attur kellu jammonta ghal wiehed minn ghoxrin (1/20), u cioe l-ammont relattiv ta' ghoxrin elf, disa' mija u tmienja u sebghin ewro u tnax-il centezmu (€20,978.12);*

*8. Illi l-Qorti kkonkludiet is-sentenza taghha billi ordnat li l-ispejjez kollha ta' dik il-kawza ghandhom jithallsu mill-konvenuti Salvatore sive Salvino, Vincent, Raymond, Carmel sive Lino u Victoria ahwa Vella, in solidum bejniethom;*

*9. Illi din is-sentenza ma gietx appellata u hija ormai finali;*

*10. Illi wara talba li saret mill-prokuratur legali tar-rikorrenti, nhar il-21 ta' April, 2016 giet rilaxxata lill-esponenti t-taxxa ufficjali rispettiva tad-drittijiet u spejjez mahruga mir-Registratur tal-Qorti, liema taxxa (kopja tat-taxxa in kwistjoni hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. B');*

*11. Illi, ghall-konsternazzjoni tal-esponenti, mit-taxxa jirrizulta illi l-ispejjez tal-kawza telghu fl-eluf, tant illi s-somma totali ta' spejjez u drittijiet gudizzjarji li huma esposti ghaliha l-esponenti (konvenuti f'dik il-kawza), jekk maghha jizdied il-VAT, taqbez it-tletin elf ewro (€30,000), eluf ta' ewro aktar mill-istess sorte likwidat mill-Qorti fil-kawza;*

*12. Illi minn indagini li ghamlu l-konsulenti legali tal-esponenti, jirrizulta illi l-valur li ttiehed in konsiderazzjoni biex giet kalkulata t-taxxa de quo ma kienx dak tas-sehem likwidat mill-Qorti, izda minflok, it-taxxa giet ikkalkolata fuq l-ammont hawn fuq citat ta' erba' mija u dsatax-il elf, hames mija u tnejn u sittin ewro u dsatax-il centezmu (€419.562.19), rapprezentanti l-valur tal-assi ereditarju kollha tad-decujus li gie likwidat mill-Qorti sabiex tasal ghas-sehern mitlub minn Raffaele Vella kif spjegat qabel;*

*13. Illi in vista tas-suespost, u ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati f'izjed dettall aktar l-isfel, l-esponenti qeghdin jikkontendu li t-taxxa tad-drittijiet u spejjez emessa mir-Registratur tal-Qorti nhadmet u nharget b'mod skorret stante li din giet ikkomputata abbazi tal-valur zbaljat;*

*14. Illi ghalekk l-esponenti jixtiequ jattakkaw din it-taxxa, bhala wahda irregolari;*

*Ragunijlet ghat-talba*

*15. Illi din it-talba hija msejsa fuq l-argument ewlieni li t-taxxa kumplessiva dovuta mill-esponenti kellha tigi kkalkulata fuq il-valur likwidat tas-sehem rizervat tar-rikorrent Raffael Vella, u mhux fuq il-*

*valur likwidat tat-totalita tal-assi ereditarju tad-decujus, kif fil-fatt erronjament sar;*

*16. Illi qabel ma gie ntavolat dan ir-rikors ta' ritassa, l-avukati tal-esponenti avvicinaw lir-Registratur tal-Qorti sabiex jifhmu fuq liema bazi nhadmet t-taxxa u r-Registratur ikkonferma li din giet ikkalkolata fuq il-valur likwidat tal-assi ereditarju ta' Saviour Vella, u cioe fuq il-kwantum ta' erba' mija u dsatax-il elf, hames mija u tnejn u sittin ewro u dsatax-il centezmu (€419.562.19), ghas-semplici raguni li l-ewwel talba tal-attur f'dik il-kawza kienet fil-fatt tikkoncerna l-likwidazzjoni tal-assi ereditarju ta' Saviour Vella;*

*17. Illi bir-rispett, l-esponenti huma tal-umli fehma li dan ir-ragunament tar-Registratur, u cioe li t-talba ewlenija tal-attur kienet tikkoncerna l-likwidazzjoni tal-assi ereditarju tad-decujus, huwa ghal kollox zbaljat, u dan propju ghaliex l-iskop ahhari tal-kawza ma kienx illi jigu likwidati l-assi kollha tad-decujus, izda pjuttost is-sehem legittimarju li kellu jithallas lill-attur; il-pern tal-litis contestatio kien dak li kien imiss lill-attur mill-assi tad-decujus, cioe sehem ta' wiehed minn ghoxrin (1/20) kif jirrizulta mill-istess premessi;*

*18. Illi jehtieg li t-talba citata fil-paragrafu precedenti (cioe, dik ghal-likwidazzjoni tal-assi tad-decujus) ma tigix kkunsidrata in izolament - ghall-kuntrarju trid tigi kkunsidrata fil-kuntest tat-talbiet l-ohra li-saru mill-attur fil-kawza in kwistjoni - sabiex wiehed jasal ghal konkluzjoni dwar jekk ir-ragunament tar-Registratur iregix. Ghaldaqstant, in primis, wiehed irid jistaqsi jekk il-valur tal-vertenza kif meqjus mir-Registratur tal-Qorti jirriflettix il-pern tal-kawza ntavolata mill-attur;*

*19. Illi minghajr l-icken dubbju, l-pretensjoni principali tal-attur, ossia l-ghan ahhari tal-proceduri li dan stitwixxa, kienet li dan jiehu s-sehem rizervat spettanti lilu, liema sehem, kif intqal, huwa ta' sehem minn ghoxrin (1/20), fatt li qatt ma kien ikkontestat. Ghalhekk, gia la darba dan kien l-iskop wahdieni ta' dawk il-proceduri, hekk allura huwa car daqs il-kristall li t-talba centrali li permezz taghha l-attur setgha jiehu dak li talab kienet li l-Qorti tillikwida s-sehem rizervat dovut lilu;*

*20. Illi l-kalkolu tal-valur totali tal-assi tal-attur ma kienx hlief pass fil-likwidazzjoni tas-sehem tal-attur, li huwa l-veru pern tal-kawza. Kemm hu hekk, huwa umilment sottomess illi l-ewwel talba tal-attur ma kellhiex ghalfejn issir, u l-attur seta' facilment mar mill-ewwel ghat-tieni talba u staqsa lill-Qorti sabiex tiddetermina l-valur tas-sehem rizervat tieghu;*

*21. Illi percio, huwa l-valur likwidat mill-Qorti tas-sehem rizervat spettanti lill-attur li kellu jintuza bhala bazi ai fini tal-komputazzjoni tat-taxxa relatata stante li t-talba korrispondenti li l-attur ghamel biex jigi likwidat tali sehem tikkostitwixxi l-qofol tal-proceduri ntavolati minnu;*

*22. Illi tenut kont ta' dak kollu hawn fuq premess, huwa ovvju li t-taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti in konnesjoni mal-kawza stitwita mill-attur fit-30 ta' April 2010 kellha tinhadem abbazi tal-artikolu 4(1)(f) tat-Tariffa A tal-iskeda A tal-Kapitolu 12, li jghid hekk:*

> *"F'kawzi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt kontra xi persuna ohra, liema dritt wiehed ghandu ragonevolment jassumi li jigi segwit minn likwidazzjoni tal-ammont dovut, ukoll jekk dik il-likwidazzjoni ma tkunx qiet mitluba fit-talba, l-attur ghandu, flimkien mat-talba tieghu, jissottometti dikjarazzjoni mahlufa li turi l-ammont bejn wiehed u iebor li jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jigi stabbilit id-dritt tieghu u l-valur li ghandu jigi intaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur:*
>
> *Izda f'ebda kaz id-dritt intaxxat ma ghandu jkun inqas minn €700."*

*23. Illi huwa umilment sottomess illi l-valur tad-dritt tal-attur f'dan il-kaz, huwa l-valur tas-sehem riservat u mhux il-valur tal-assi shah tad-decujus.*

*24. Illi b'rabta ma' dan, u b'analogija mac-cirkustanzi tal-kaz odjern, l-esponenti jaghmlu ampja referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 2015, fl-ismijiet Nicolina Debrincat et vs Sally Thompson et (Rikors Guramentat 139/2006PC), liema kawza kienet tirrigwarda talba ghall-bejgh ta' proprjeta abbazi tal-artikolu 495A tal-Kodici Civili. F'dak il-kaz, ir-Registratur tal-Qorti kien ikkalkula t-taxxa tad-drittijiet u spejjez rispettiva abbazi tal-valur shih tal-proprjeta in kwistjoni, u dan stante li, skond hu, id quod disputandum est kien il-bejgh tal-intier tal-fond u ghalhekk l-ispejjez kellhom jigu intaxxati fuq il-valur shih tal-proprjeta;*

*25. Illi f'din il-kawza, permezz ta' rikors datat 20 ta' Settembru 2007 maghmul taht l-artikolu 64 tal-Kapitolu 12, wiehed mill-atturi li kienu ipprezentaw ir-rikors originali taht l-artikolu 495A talab illi l-ispejjez jigu intaxxati mill-gdid billi l-kontestazzjoni u l-mertu kien jirrigwarda biss is-sehem indiviz tieghu fil-proprjeta de quo. Huwa minnu illi fl-ahhar mill-ahhar, il-Qorti kienet se tawtorizza l-bejgh shih tal-proprjeta, kif kien ukoll minnu illi sabiex tasal ghal valur gust tas-sehem in kwestjoni, il-Qorti kellha tqis il-valur shih tal-proprjeta, u mhux ta' dak is-sehem mehud in izolament. Madanakollu, b'digriet tal-1 ta' Lulju 2011, li minnu sar l-appell surriferit da parti tar-Registratur tal-Qorti, l-ewwel Qorti laqghet it-talba u ordnat illi l-ispejjez gudizzjarji jigu intaxxati mill-gdid, din id-darba biss abbazi tal-valur tal-ishma tal-intimati mill-istess proprjeta;*

*26. Illi fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell, filwaqt illi ikkondiviet il-fehma tal-Ewwel Qorti, iddecidiet kif gej:*

> *"L-art. 495A tal-Kodici Civili, li tahtu saret il-kawza originali, ighid illi l-Qorti tista' "tawtorizza l-bejgh" ta' proprjeta komuni minkejja n-nuqqas ta' kunsens ta' whud mill-komproprjetarji. Dik l-awtorizzazzjoni izda hija mehtiega biss dwar is-sehem ta' dawk il-komproprjetarji li ma jkunux taw*

*il-kunsens taghhom, ghax il-komproprjetarji li jridu jbieghu jistghu dejjem ibieghu s-sehem mhux maqsum taghhom minghajr il-htiega ta' ebda awtorizzazzjoni .*
*.... din il-qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel qorti illi t-taxxa tal-ispejjez gudizzjarji ghandha tinhadem biss fuq il-valur tal-kontestazzjoni. (emfazi mizjuda).”*

*27. Illi huwa umilment sottomess illi, bl-istess mod, il-valur tal-kontestazzjoni fil-kaz odjern huwa s-sehem li mess lill-attur, u mhux il-valur shih tal-proprjeta; il-likwidazzjoni tal-valur tal-assi ma kienx l-ghan tal-kawza, izda biss parti mill-kalkolu matematiku sabiex il-Qorti tiddeciedi il-vertenza bejn il-partijiet; b'hekk, il-mod kif mexa r-Registratur mhux biss huwa legalment zbaljat, izda jwassal ghal konsegwenzi ngusti fejn l-atturi se jispiccaw jerfghu fi spejjez ammont li jeccedi bil-kbir il-valur tal-pretensjoni; il-ligi ma ghandhiex tigi interpretata u applikata b'mod illi twassal ghal konsegwenza ingusti u li ma jaghmlux sens.*

*Talba*

*28. Illi ghaldaqstant, in vista tas-suespost u ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti ai termini tal-artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghogobha:*

*i. thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet li giet rilaxxjata mir-Registratur tal-Qorti fil-21 ta' April, 2016 fis-somma kumplessiva ta' hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u sebgha u sebghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€25,677.45) (vide Dok. B anness ma dan ir-rikors) stante li din giet ikkalkulata fuq il-valur hazin;*

*ii. tordna li t-taxxa tad-drittijiet surriferita terga tinhadem mill-gdid fuq il-valur tas-sehem rizervat dovut lill-Raffaele Vella fl-ammont ta' ghoxrin elf, disa' mija u tmienja u sebghin ewro u tnax-il centezmu (€20,978.12), hekk likwidat mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tad-29 ta' Frar, 2016, u/jew abbazi ta' kalkolu jew somma verjuri kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq, b'mod konformi mal-artikolu 4(1)(f) tat-Tariffa A tal-iskeda A tal-Kapitolu 12;*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati”*

2. Rat ir-risposta tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali tal-15 ta’ Ġunju, 2016, li permezz tagħha ġie eċċepit hekk:

*“1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda in toto bl-isepjjez ghar-ragunijiet esposti hawn taht:*

*2. Illi huwa fatt li wahda mit-talbiet tal-kawza li taghha qed tigi attakkata t-taxxa u cioe l-kawza fl-ismijiet Raffaele Vella vs Salvino Vella et [Rik Gur 440/2010JZM) deciza fid-29 ta' Frar 2016, tghid li l-Qorti ghandha tillikwida l-assi ereditarju ta' Saviour Vella;*

*3. Illi l-attur f'dik il-kawza talab ukoll li l-Qorti ghandha tillikwida s-sehem tal-legittima tieghu mill-istess assi ereditarju;*

*4. Illi biex il-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tal-legittima riedet bil-fors tillikwida l-assi ereditarju li allura dawn l-assi gew meqjusa bhala l-massa litigjuza tal-kawza kollha;*

*5. Illi min qari akkurat tas-sentenza u tal-kawza fuq imsemmija jirrizulta li kien hemm kontestazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-assi ereditarju u dwar l-allegati donazzjonijiet;*

*6. Illi t-taxxa hija korrettament mahduma anke ghaliex huwa ritenut li t-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija regolata mid-domanda. Illi l-kelma "domanda" ma ghandhiex biss is-sens limitat tal-pretiza kontenuta fl-att tac-citazzjoni imma anke s-sens tal-kumpless tal-kontroversja li fuqha ghandha tinghata d-decizjoni (Micallef et vs Micallef et, Qorti Civili Prim Awla, 24 ta' Lulju 1946 Kollez. Vol. XXXII.II.424);*

*7. Illi kien hemm diversi sentenzi li qalu li "dwar jekk it-taxxa tinhadimx fuq il-valur kollu tal-assi ereditarju jew biss fuq il-legittima jew fuq it-tnejn flimkien, il-qorti tosserva illi, effettivament, kawza ghall-hlas tas-sehem rizervat hija kawza ghall-qsim ta' proprjeta gejja minn wirt - jekk is-sehem tal-attur huwiex gej minn testment jew ab intestato jew huwiex sehem rizervat huwa indifferenti. Ghalhekk id-dritt tal-avukati jinhadem fuq il-valur totali tal-assi, ... L-istess principju jghodd fil-kaz tad-dritt tarregistru" (Ellul et vs Direttur Generali tal-Qorti et, Qorti tal-Appell, 30 ta' Novembru 2012. Ara wkoll is-sentenza Meilak vs Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex et, Qorti talMagistrati (Ghawdex) (Inferjuri), 6 ta' Dicernbru 2011;*

*8. Illi l-anologija migjuba ma' kawza pprezentata ai termini tal-artikolu 495A tal-Kap. 16 ma jregix. Illi kif qalet tajjeb il-Qorti tal-Appell fis-sentenza kkwotata mir-rikorrenti (Debrincat et vs Thompson et, Qorti tal-Appell, 30 ta' Ottubru 2015) "illi l-qorti tista' "tawtorizza l-bejgh" ta' proprjeta komuni minkejja n-nuqqas ta' kunsens ta' whud mill-komproprjetarji. Dik l-awtorizzazzjoni izda hija mehtiega biss dwar is-sehem ta' dawk il-komproprjetarji li ma jkunux taw il-kunsens taghhom, ghax il-komproprjetarji li jridu jbieghu jistghu dejjem ibieghu s-sehem mhux maqsum taghhom minghajr il-htiega ta' ebda awtorizzazzjoni";*

*9. Illi fil-kaz odjern riedet issir il-komputazzjoni tal-assi ereditarju kollha, dwar liema massa ereditarja jidher li kien hemm kontestazzjoni bejn il-kontendenti u kwindi t-talba ghas-sehem riservat kienet konsegwenzjali ghall-likwidazzjoni tal-massa ereditarja in litigazzjoni;*

*10. B'rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti."*

3. Rat ir-risposta tal-konvenuti l-oħra tal-15 ta' Ġunju, 2016, li permezz tagħha ġie eċċepit hekk:

*"1. Illi, preliminarjament, u bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet segwenti, It-talbiet attrici huma ormai preskirtti stante li l-perjodu stabbilit mill-artikolu 64(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex wiehed jattakka t-taxxa skada qabel ma giet attwalment intavolata l-azzjoni de quo. Konsegwentement tali talbiet huma prekritti;*

*2. Illi dan qieghed jinghad ghax l-artikolu 64 huwa car u ma jaghti l-ebda lok ghall-interpretazzjoni fis-sens li tali azzjoni ta' ritassa ghandha tinbeda fi zmien xahar. Tali xaghar jibda jiddekorri, b'mod perentorju, mid-data li fiha tkun inharget it-taxxa fir-rigward ta' min ikun talab il-hrug tal-imsemmija taxxa;*

*3. Illi jirrizulta anki fuq ammissjoni ta' l-istess rikorrenti f'paragrafu 10 tar-rikors taghhom, li t-taxxa relattiva nharget fuq "talba li saret mill-prokuratur legali tar-rikorrenti, nhar il-21 ta' April, 2016" (Enfasi Mizjuda);*

*4. Illi ghalhekk l-istess rikorrenti kellhom xaghar zmien mill-21 ta' April, 2016, sabiex jintavolaw l-azzjoni de quo. Madanakollu mill-atti processwali jirrizulta li r-rikors li bih gew intavolati l-prezenti proceduri gie biss ipprezentat fit-23 ta' Mejju, 2016, b'dan li ghalhekk il-perjodu ta' xahar kien lahaq skada u r-rikors gie ipprezentat fuori termine;*

*5. Illi ghaldaqstant ma hemm l-ebda dubju li t-talbiet attrici huma preskritti a tenur tal-artikolu 64 tal-Kap. 12, ossia l-istess artikolu li fuqu hija bazata l-kawza odjerna;*

*6. Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghall-eccezzjonijiet segwenti u ghal dawk li jistghu jitqajjmu fil-kors tal-proceduri, tezisti konfuzjoni fit-talbiet attrici stante li t-talba tirrigwarda taxxa li allegatament tammonta ghall-€25,677.45. Dan minkejja li l-ammont tat-taxxa li tidher dovuta fir-rigward talkawza in ezami, skond 'Dokument B' anness mill-istess atturi, tammonta ghall- €25,707.45. Tali diskrepanza fl-aktar element baziku tal-azzjoni odjerna trendi l-pretensjonijiet attrici ghal kollox konfuzjonarji u inattendibbli;*

*7. Illi fuq il-mertu l-esponenti jilqghu ghat-talbiet attrici billi jghid li dawn huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom ghas-segwenti ragunijiet;*

*8. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghall-eccezzjonijiet segwenti u ghal dawk li jistghu jigu trattati fil-mori tal-proceduri, it-tassazzjoni tad-drittijiet tal-kawza fl-ismijiet Raffaele Vella kontra Salvino, Vincent, Joseph, Raymond, Lino, Mario, Anthony, Victoria u Suor Cecilia, ahwa Vella, kif ukoll Carmen armla ta: Saviour Vella, giet mahduma b'mod korrett stante li hija intaxxata skont kif trid il-ligi;*

*9. Illi dan qieghed jinghad billi t-taxxa kellha tigi kkalkolata ad valorem fuq il-valur kollu tal-wirt ta' Saviour Vella, kif fil-fatt sar;*

*10. Illi l-ewwel talba tar-rikors guramentat kienet sabiex il-Qorti "Tillikwida l-assi ereditarju ta' Saviour Vella, hawn fuq imsemmi, li kif inghad miet fit-2 ta' Mejju, 2000";*

*11. Illi imbghad fil-parti dispozittiva tas-sentenza, il-Qorti ddikjarat li kienet qieghda "Tillikwida I-assi ereditarju tal-mejjet Saviour Vella ... " (Enfasi Mizjuda);*

*12. Illi r-Registratur ghandu jintaxxa t-talbiet kollha tar-rikors guramentat, b'dan li l-likwidazzjoni tal-wirt ta' Saviour Vella kienet wahda mit-talbiet principali tar-rikors guramentat. Anzi jinghad li din kienet proprju l-ewwel talba, liema talba kienet tikkonsisti f'talba ghal dikjarazzjoni li kienet tinnecessita decizjoni ta' fatt. Din id-decizjoni ta' fatt kellha x'taqsam b'mod intimu u dirett ma' valur determinat u ghaldaqstant ma hemm l-ebda dubju li t-taxxa kellha tigi kkalkolata ad valorem abbazi tal-assi ereditarju kollha;*

*13. Illi dan qieghed jinghad inter alia ghax it-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat kienu jfissru li sabiex wiehed jasal ghall-valutazzjoni tal-legittima l-ewwel kien hemm bzonn Ii ssir il-likwidazzjoni u d-determinazzjoni tal-assi ereditarju ta' Saviour Vella sabiex imbaghad fuq l-istess tinhadem il-legittima;*

*14. Illi tant dan hu minnu li sabiex il-Qorti waslet ghall-istess likwidazzjoni tal-assi kellha tiehu diversi konsiderazzjonijiet fosthom li tindaga min mill-partijiet kien igawdi mill-vesti ta' eredi, min kien qieghed jiddetjeni l-assi tal-eredita, il-validita tal-eskluzjoni mill-wirt ta' Raffaele Vella, il-valuri tad-donazzjonijiet maghmula u t-taxxa li kienet thallset kif ukoll il-kwistjonijiet relattivi ghan-natura tal-legittima u l-puncto temporis relattiv ghall-valutazzjoni tal-assi ereditarju;*

*15. Illi ghalhekk jirrizulta bhala stat ta' fatt Ii bl-istess sentenza gew determinati numru ta' punti, inkluz il-komputazzjoni tal-valur tal-assi ta' Saviour Vella, liema punti kienu direttament u intrinsikament relevanti ghall-komputazzjoni tal-wirt kollu kemm hu u tal-Iegittma relattiva;*

*16. Illi ta' xejn l-atturi f'dawn il-proceduri jipprovaw jargumentaw li t-talba sabiex ikunu likwidati l-assi ta' Saviour Vella ma kinitx necessarja u li setghet biss saret talba ghal-likwidazzjoni tal-legittma, u dan sabiex*

*jippruvaw jargumentaw li t-talba principali tal-kawza kienet proprju dik relattiva ghal-legittima;*

*17. Illi r-rikorrenti f'paragrafu 19 tar-Rikors promotur jghidu li 'l-pretensjoni principali tal-attur, ossia l-ghan ahhari tal-proceduri li dan istitwixxa, kienet li dan jiehu s-sehem riservat spettanti lilu, liema sehem, kif intqal, huwa ta' sehem minn ghoxrin (1/20), fatt li gatt ma kien ikkontestat';*

*18. Illi mbaghad f'paragrafu 20 tar-rikors promotur, ir-rikorrenti jissuggerixxu li 'l-ewwel talba tal-attur ma kellhiex ghalfejn issir, u l-attur seta' facilment mar mill-ewwel ghat-tieni talba u staqsa lill-Qorti sabiex tiddetermina l-valur tas-sehem riservat tieghu';*

*19. Illi bir-rispett jinghad illi dan is-suggeriment tar-rikorrenti huwa spropositu legali. Kif seta' l-esponent ma jitlobx illi l-assi tal-mejjet jigi Iikwidat preordinatament ghat-talba sabiex ikun deciz x'haqqu skont il-ligi?*

*20. Illi hawnhekk jigi rilevat illi oltre d-diseredazzjoni tal-esponent sollevata bhala eccezzjoni mir-rikorrenti fil-kawza riferenzjata l-istess rikorrenti eccepew 'li trid issir likwidazzjoni ekwa u gusta skont il-ligi fid-dawl ta' donazzjonijiet li rcieva l-esponent minbarra ragunijiet ohrajn';*

*21. Illi r-rikorrenti eccepew dak li eccepew, kif inghad, in rigward tat-talba biex l-assi tal-mejjet jigi likwidat. U wara li eccepew ma ressqux provi, kif jirrizulta. Kemm, infatti, kienet ikkontestata l-pretensjoni tal-esponent jirrizulta ampjament minn harsa wahda semplici lejn l-eccezzjonijiet sollevati mir-rikorrenti odjerni fil-kawza involota;*

*22. Illi ghalhekk ma huwa veru xejn li l-iskop wahdieni tal-proceduri kien sabiex jigi mehud is-sehem rizervat, Anzi, bil-kontra ta' dak li jallegaw l-atturi, l-mera fatt li r-rikorrenti fl-imsemmija kawza ma llimitawx ruhhom ghat-talba fir-rigward tal-legittima, izda talbu in primis il-likwidazzjoni tal-assi ereditarju kollha, juri bl-aktar mod car li l-interess taghhom ma kienx limitat ghall-hlas tal-legittima biss;*

*23. Illi dwar il-valur li kellu jigi ntaxxat jirrizulta mill-atti tal-istess kawza, inkluzi t-talbiet, li fil-verita, hekk kif delineat aktar il-fuq, kien hemm divergenzi serji bejn il-kontendenti sahansitra dwar min kien fost l-eredi tad-defunt. Ghalhekk johrog manifestament car li l-quod disputandum ma kinitx biss il-legittima izda wkoll il-likwidazzjoni tal-assi tal-istess Saviour Vella - u biss konsegwentement id-determinazzjoni tal-legittma. Huwa proprju ghalhekk li l-valur tal-kawza kien jirreferi ghall-valur tal-massa ereditarja u mhux biss il-valur tal-Iegittrna b'dan Ii tali osservazzjoni hi certament relevantissima u determinanti ghall-intaxxar tal-valur tal-istess;*

*24. Illi f'dan is-sens l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Salvino Ellul Bonnici vs Dr Edgar Buhagiar et (Appell Civili, 7 ta'*

*Ottubru 1960) fejn jinghad li l-valur tal-kawza, tant ghall-finijiet ta' kompetenza kemm ghall-finijiet ta' tassazzjoni, jitqies fuq id-domanda, u mhux fuq l-interess effettiv, jew interess pekunarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-ezitu tal-kawza;*

*25. Illi tali pronunzjament jiehu xejra aktar rilevanti fid-dawl ta' dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet Albert Bezzina Wettinger vs ir-Registratur tal-Qorti et (Prim Awla tal-Qorti Civili, 5 ta' Gunju, 2003), fejn gie dikjarat li kawza tigi intaxxata ad valorem meta jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process. Dan tant hu hekk li "fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-valorizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma wkoll minn kull taghrif jew prova li tinsab fl-atti". Fuq dan il-punt hija wkoll ta' rilevanza s-sentenza Carmelo Axiak vs Dr Giuseppe Vella nomine et (Vol. XXXV.ii.361);*

*26. Illi jinghad li, effettivament, kawza ghall-hlas tas-sehem riservat hija kawza ghall-qsim ta' proprjeta gejja minn wirt. Fil-fatt, hekk kif intqal mill-Qorti tal-Appell fis-sede superjuri taghha f'kaz identiku ghal dan;*

> "*F'kawzi ta' divizjoni ta' proprjeta, indipendentement mill-ghadd ta' talbiet li jkun hemm fir-rikors ghandu jigi intaxxat dritt wiehed biss ad valorem fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjeta li ghandha tigi maqsuma - izda f'kawza ta' divizjoni ta' proprjeta causa mortis dak id-dritt ghandu jigi intaxxat fuq il-valur stabbilit kif intqal qabel ta' kull assi partikolari li ghandu jigi maqsum bejn il-partijiet ... L-istess principju jghodd fil-kaz tad-dritt tar-registru, kif jixhed il-para. 4(1)(b) moqri mal-para. 4(3) tat-Tariffa A.*
>
> *Id-dritt tar-registru u tal-avukat ghalhekk kellu jinhadem fuq il-valur totali tal-assi tal-wirt kif muri fl-iskeda mehmuza ma' din is-sentenza." (Enfasi Mizjuda*) (Adelaide Ellul et vs Direttur Generali tal-Qorti et, 30 ta' Novembru, 2012)."

*27. Illi meta wiehed japplika dawn il-principji regolatorji ghall-kaz in ezami jirrizulta li dak kontestat bejn il-partijiet kien proprju fl-ewwel lok u fuq kollox il-valur tal-assi ereditarju ta' Saviour Vella, u ovvjament finalment ghal-legittima. Dan ma jhalli l-ebda dubju li l-quod disputandum, determinat anke mit-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-intimati, kien il-valur intier tal-istess assi;*

*28. Illi l-konsegwenza ta' tali konsiderazzjoni hi li t-taxxa kif mahruga mir-Registratur tal-Qorti nhadmet korrettament fuq il-valur totali tal-istess assi, indikati wkoll u determinati fis-sentenza;*

*29. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, dawk segwenti u dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, hu obbligu tal-atturi, ai termini tal-artikolu 562 tal-Kap. 12 li jressqu provi tajbin, sufficjenti u rilevanti in sostenn tal-allegazzjonijiet minnhom mressqa;*

*30. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti, dawk segwenti u dawk li jistghu jigu mqanqla fil-kors tal-proceduri, it-*

*tassazzjoni tad-drittijiet tal-kawza in ezami saret mir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali wahdu fl-ambitu tad-drittijiet u obbligi tieghu skont il-ligi b'dan li l-esponenti mhumiex involuti fil-mod kif tinhadem din it-tassazzjoni;*

*31. Illi ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, tkun xi tkun id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, l-esponenti ma ghandhomx ibatu spejjez in kwantu t-taxxa nharget mir-Registratur tal-Qorti;*

*32. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.*

*Illi ghalhekk, in vista tal-premess, l-esponenti umilment ihossu li t-taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez tal-kawza Raffaele Vella kontra Salvino, Vincent, Joseph, Raymond, Lino, Mario, Anthony, Victoria u Suor Cecilia, ahwa Vella, kif ukoll Carmen armla ta' Saviour Vella, Rikors Guramentat Nr. 440/10JZM deciza fid-29 ta' Frar, 2016, saret korrettement u skont il-ligi b'dan li l-esponenti umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet attrici fl-intier taghhom, u dan taht kwalunkwe provvediment li, fis-savju u superjuri gudizzju taghha, jidhrilha xieraq u opportun."*

4. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Novembru, 2016, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti kollha ħlief ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, u filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti, ċaħdet it-talbiet attrici, bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi ħlief dawk marbuta mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li għandha tiġi sopportata mill-konvenuti kollha ħlief ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali.

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Il-fatti huma dawn. Raffaele Vella fetah kawza fl-ismijiet Raffaele Vella vs Salvino Vella et (Rik Gur 440/2010JZM) kontra l-atturi tallum fost ohrajn biex jitlob is-sehem riservat lilu mill-wirt ta' missieru Saviour Vella, ukoll missier il-kontendenti l-ohra ahwa Vella. Biex seta' jaghmel*

*hekk kellu jitlob ukoll il-likwidazzjoni tal-assi ereditarju ta' Savatore Vella li miet fit-2 ta' Mejju 2000.*

*B'sentenza tal-Qorti tad-29 ta' Frar 2016 il-Qorti laqghet l-ewwel zewg talbiet attrici billi llikwidat l-assi ereditarju ta' Saviour Vella u a bazi ta' din il-likwidazzjoni ghaddiet biex tillikwida s-sehem riservat dovut lil Raffaele Vella. Inharget it-taxxa ta' spejjez gudizjari li nhadmet fuq il-valur tal-wirt kollu u tas-sehem riservat flimkien. L-atturi qed jippretendu illi t-taxxa kellha tinhadem fuq il-valur tas-sehem riservat biss ghax din kienet is-sustanza u l-bazi tal-pretensjoni ewlenija attrici mhux il-likwidazzjoni tal-wirt. In fatti jikkontendu illi t-talba principali kienet il-likwidazzjoni tas-sehem riservat liema pretensjoni kienet tinnecessita l-likwidazzjoni tal-assi ereditarju semplicement bhala ezercizzju matematiku u fattwali biex jigi likwidat il-valur tas-sehem riservat.*

*Il-Qorti tirrileva illi harsa lejn il-kawza li tat lok ghat-taxxa juri li hemm zewg talbiet separati l-ewwel ghal likwidazzjoni tal-assi tal-mejjet Saviour Vella u talba ohra distinta ghal likwidazzjoni tas-sehem riservat dovut lil Raffaele Vella. Il-Qorti tqis li biex wiehed jasal ghat-tieni talba kellha bilfors tigi likwidata l-eredita. Fil-fehma tal-Qorti l-quod disputandum ma kinitx biss id-determinazzjoni tal-legittima izda l-ewwel l-entita u valur tal-assi ereditarju u wara dak l-ezercizju jigi likwidat is-sehem riservat. Harsa lejn l-atti ta' dik il-kawza juri illi l-ewwel talba kien fiha element qawwi ta' prova li fuqu mhix dejjem qablu l-partijiet oltre li l-istess Qorti rriservat fl-istess sentenza sehem dovut lil legitimarju minn ishma f'kumpanija Velga Brothers Limited li ghalkemm xolta ma hiex stralcjata. Il-Qorti tqis illi l-valur tal-kawza kien il-valur tal-massa ereditarja li minnha mbaghad kellu jigi determinat x'inhu dovut lil attur f'dik il-kawza.*

*Il-Qorti hadmet it-taxxa fuq il-valur totali tal-assi indikati u determinati mill-Qorti. Dan il-valur ittiehed ghal finijiet ta' drittijiet ta' registru u tal-avukati.*

*Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Adelaide Ellul et vs Direttur Generali tal-Qorti et, deciza fit-30 ta' Novembru 2012 li kienet titratta wkoll taxxa ta' kawza ghal likwidazzjoni tas-sehem riservat:*

> "jekk id-dritt tal-avukat jinhadimx ad valorem jew bhala dikjarazzjoni – il-para. 14 tat-Tariffa E mehmuza mal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili dwar drittijiet tal-avukat jaghmilha cara illi din id-distinzjoni ma tezistix ghax fil-kaz ta' "dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat, jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat ... fuq il-valur hekk stabilit". Mela, ukoll jekk decizjoni titqies "dikjarazzjoni", xorta tigi intaxxata fuq il-valur.
>
> Dwar jekk it-taxxa tinhadimx fuq il-valur kollu tal-assi ereditarju jew biss fuq il-legittima jew fuq it-tnejn flimkien, il-Qorti tosserva illi, effettivament, kawza ghall-hlas tas-sehem rizervat hija kawza ghall-qsim ta' proprjeta gejja minn wirt – jekk is-sehem tal-attur huwiex gej minn testment jew

ab intestato jew huwiex sehem rizervat huwa indifferenti. Ghalhekk id-dritt tal-avukat jinhadem fuq il-valur totali tal-assi, kif ighid u jrid il-para. 16 tat-Tariffa E:
F'kawzi ta' divizjoni ta' proprjeta, indipendentement mill-ghadd ta' talbiet li jkun hemm fir-rikors ghandu jigi intaxxat dritt wiehed biss ad valorem ... fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjeta li ghandha tigi maqsuma – izda f'kawza ta' divizjoni ta' proprjeta causa mortis dak id-dritt ghandu jigi intaxxat fuq il-valur stabbilit kif intqal qabel ta' kull assi partikolari li ghandu jigi maqsum bejn il-partijiet ... »

L-istess principju jghodd fil-kaz tad-dritt tar-registru, kif jixhed il-para. 4(1)(b) moqri mal-para. 4(3) tat-Tariffa A. 14. Id-dritt tar-registru u tal-avukat ghalhekk kellu jinhadem fuq il-valur totali tal-assi tal-wirt."

*Din il-Qorti ma ghandhiex raguni ghaliex tiddipartixxi minn dan ir-ragunament. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-atturi li t-taxxa kellha tinhadem a bazi tal-artikolu 4(1)(f) tat-Tariffa A tal-Iskeda A tal-Kap. 12 ghax din mhix kawza fejn persuna qed tirreklama dritt generiku kontra persuna ohra li tinnecessita likwidazzjoni tal-ammont dovut ghax din hi kawza ghal divizjoni ta' assi ereditarju regolata specifikament mill-paragrafi 4(1)(b) moqri ma' 4(3) tat-Tariffa A kif qalet il-Qorti tal-Appell.*

*Lanqas il-Qorti ma taqbel ma' dak sottomess mill-atturi dwar l-analogija li kellha tittiehed ma' proceduri taht l-artikolu 495A tal-Kap. 16 peress illi kif qalet il-Qorti fil-kawza Debrincat et vs Thompson et (App 30/10/2015) dan il-bejgh jista' jigi awtorizzat in kwantu ghas-sehem ta' dak li jonqos li jaghti l-kunsens tieghu peress illi l-koproprjetarji jistghu jbieghu sehemhom bla htiega ta' awtorizazzjoni. Kwindi t-taxxa mahduma fuq kawza maghmula a bazi tal-artikolu 495A ghandha ssir biss fuq is-sehem li l-istess artikolu tal-ligi jippermetti l-awtorizzazzjoni forzata ghal bejgh tieghu. Din hi differenti mix-xenarju f'din il-kawza.*

*Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.*

*Eccezzjoni tal-preskrizzjoni*

*Il-konvenuti kollha hlief ir-Registratur Qrati Civili eccepew il-preskrizzjoni tal-azzjoni a bazi tal-artikolu 64(1) li tassattivament jghid li azzjoni ta' ritassa ghandha ssir b'mod perentorju fi zmien xahar mill-hrug ta' taxxa fir-rigward ta' min ikun talabha. It-taxxa ntalbet fil-21 ta' April 2016 mill-atturi kif jammettu fl-ghaxar premessa taghhom pero l-kawza giet prezentata fit-23 ta' Mejju 2016. Billi l-21 ta' Mejju 2016 kien is-Sibt, it-terminu legali jiskadi fl-ewwel gurnata ta' xoghol sussegwenti cioe fit-23 ta' Mejju 2016 (ara artikolu 108 tal-Kap. 12).*

*Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda."*

6. Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrenti appellanti aħwa Vella, li permezz tiegħu talbu li din il-Qorti tirriforma d-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-

Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi tad-29 ta' Novembru, 2016, billi filwaqt li tikkonfermaha sa fejn ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u akkollat l-ispejjeż relatati mal-istess eċċezzjoni lill-eċċipjenti li qajmuha, u fil-bqija tħassar u tirrevoka l-istess deċiżjoni u tiddeċiedi minflok billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimati appellati.

7. Rat ir-risposta tal-appell tal-intimati kollha ħlief ir-Reġistratur (Qrati Ċivili u Tribunali) li permezz tagħha talbu lil din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti tad-29 ta' Novembru, 2016, fl-ismijiet premessi, bl-ispejjeż kollha jmorru kontra l-appellanti.

8. Rat li għalkemm ir-Reġistratur (Qrati Ċivili u Tribunali) kien debitament notifikat bir-rikors tal-appell, ma ressaq l-ebda risposta.

9. Semgħet id-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami u rat li l-kawża baqgħet differita għas-sentenza.

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

11. Illi l-azzjoni tal-appellanti hija waħda ta' ritassa tat-taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti, wara sentenza li ngħatat mill-Prim'Awla tal-Qorti

Ċivili li kienet titratta l-leġittima, jew aħjar il-porzjon riżervat dovut lil Raffaele Vella, rikorrenti f'dik il-kawża. Permezz tas-sentenza tagħha tad-29 ta' Frar, 2016, dik il-Qorti, stabbiliet il-valur tal-assi tad-*decuius* fl-ammont ta' €419,562.19, filwaqt li l-ammont mitlub mill-attur f'dik il-kawża li kien jammonta għal sehem wieħed minn għoxrin (1/20) kien tal-valur ta' €20,978.12. Dan l-ammont likwidat mill-Qorti kien aċċettat mill-partijiet u fil-fatt ħadd m'appella minn dik is-sentenza. Iżda meta ġiet maħduma t-taxxa, ir-rikorrenti kienu sorpriżi li l-ispejjeż tal-kawża telgħu fl-eluf, peress li rriżulta li għall-iskopijiet ta' taxxa, i+l-valur inħadem fuq l-ammont sħiħ ta' €419,562.19, u mhux fuq l-ammont relattiv ta' €20,978.12, li huwa s-sehem likwidat favur Raffaele Vella. Kwindi l-vertenza titratta l-valur korrett li kellu jittieħed in konsiderazzjoni sabiex tinħareġ it-taxxa tad-drittijiet konsegwenti għal kawża sabiex jiġi determinat il-porzjon riżervat.

12. Uħud mill-intimati wieġbu li t-talbiet tar-rikorrenti kienu preskritti skont l-Artikolu 64(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta l-perjodu li fih wieħed jista' jattakka t-taxxa. L-intimati lkoll wieġbu li t-talbiet tar-rikorrenti ma kellhomx jintlaqgħu peress li waħda mit-talbiet attriċi kienet proprju li jiġu likwidati l-assi ereditarju ta' Saviour Vella u li l-Qorti kellha tillikwida s-sehem riżervat proprju mill-istess assi ereditarju. Il-Qorti kellha bilfors tillikwida l-assi ereditarju sabiex tasal għas-sehem riżervat. Kwindi l-assi ereditarju għandhom jitqiesu bħala l-massa litiġjuża tal-

kawża kollha u għalhekk it-taxxa kellha tiġi kkalkolata *ad valorem* fuq il-wirt kollu ta' Saviour Vella.

13. Permezz tas-sentenza tagħha tad-29 ta' Novembru, 2016, l-ewwel Qorti ddeċidiet ir-rikors billi filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevat mill-intimati kollha ħlief ir-Reġistratur (Qrati Ċivili u Tribunali), laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenuti u ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti. Bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi ħlief dawk marbuta mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li għandha tiġi sopportata mill-konvenuti kollha ħlief ir-Reġistratur (Qrati Ċivili u Tribunali).

14. Ir-rikorrenti ħassewhom aggravati b'din id-deċiżjoni u għalhekk ressqu appell minnha. L-uniku aggravju tar-rikorrenti jikkonsisti fis-sottomissjoni li l-ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li t-taxxa kellha tinħadem fuq il-valur sħiħ tal-eredita`, peress li l-*litis contestatio* u l-interess tar-rikorrent kien fil-leġittima dovuta lilu. B'sens ta' ġustizzja u ekwita` l-appellanti jikkontendu li m'għandux ikun li d-dritt f'kawża jiġi kkalkulat fuq valur għoxrin darba aktar mis-*sorte* li ġie likwidat u li r-rikorrenti ġew ikkundannati li jħallsu.

15. Għandu jingħad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti appellanti f'dan l-appell tagħhom. Jibda billi jiġi osservat li l-ewwel talba fir-rikors ġuramentat li jġib referenza 440/2010JZM, kienet proprju talba

sabiex il-Qorti *"tillikwida l-assi ereditarju ta' Saviour Vella..."* mentri l-istess appellanti f'dik il-kawża taħt it-tielet eċċezzjoni fil-mertu wieġbu: "*Mingħajr preġudizzju għas-suespost, trid issir likwidazzjoni ekwa u skont il-liġi tal-assi tad-decuius".* Kwindi dik il-Qorti kienet marbuta mhux biss bit-talbiet tar-rikorrent, iżda wkoll bl-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li tiddetermina l-estent tal-assi tad-*decuius,* qabel ma setgħet tikkalkola l-leġittima jew aħjar is-sehem riżervat.

16. Ġie stabbilit minn ġurisprudenza kostanti illi "t-*tassazzjoni ta' kawża għandha tiġi regolata mit-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, mhux fis-sens limitat għas-sempliċi inkartament, iżda fis-sens ta' l-oġġett tagħha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess kawża, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jiġu proposti jkunux akkolti jew miċħuda*" (**Avv. Dr. Giuseppe Pace et v. Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et,** Prim'Awla, Qorti Ċivili, 1 ta' Ottubru, 1948). Hekk ukoll, ġie ritenut illi "*meta l-massa litiguża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuqu; jiġifieri għandu jigi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem* ..." (**Carmelo Axiak v. Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et,** Prim'Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-deċiżjoni

fl-ismijiet **Leslie Grech nomine v. Frank Abela et**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 25 ta' Jannar, 2002 u **Loris Bianchi et v. Dottor Victor Borg Costanzi nomine,** Appell Ċivili, 17 ta' April, 1978.

17. Kif qalet l-ewwel Qorti, it-taxxa hija bażata fuq l-Artikolu 4(1) (f) tat-Tariffa A tal-iSkeda A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta) li jiddisponi kif ġej:

*"F'kawzi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt kontra xi persuna ohra, liema dritt wiehed ghandu ragonevolment jassumi li jigi segwit minn likwidazzjoni tal-ammont dovut, ukoll jekk dik il-likwidazzjoni ma tkunx giet mitluba fit-talba, l-attur ghandu, flimkien mat-talba tieghu, jissottometti dikjarazzjoni mahlufa li turi l-ammont bejn wiehed u iehor li jahsb li jkun jista jitlob jekk jigi stabbilit id-dritt tieghu u l-valur li ghandu jigi intaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur; Izda f'ebda kaz id-dritt intaxxat ma ghandu jkun inqas minn € 700"*

Kif qalet il-ġurisprudenza, jekk tali dikjarazzjoni ma tiġix ppreżentata, allura t-taxxa tinħadem fuq il-massa litiguza li tindika l-ammont li fuqha l-attur ikun ibbaża t-talba tiegħu.

18. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, apparti t-talba u l-eċċezzjoni tal-kontendenti fil-kawża, dik il-Qorti ma setgħet qatt

tiddetermina l-valur tas-sehem riżervat jekk qabel ma jiġux determinati l-assi ereditarju. Kwindi huwa pjuttost loġiku li t-taxxa tad-drittijiet kellha tinħadem *ad valorem* fuq il-valur tal-wirt kollu ta' Saviour Vella. Wara kollox l-indaġni tal-Qorti kienet estensiva sabiex jiġu determinati numru ta' punti, fosthom il-komputazzjoni tal-assi ta' Saviour Vella, l-*punctum temporis* relattiv għall-valutazzjoni tal-assi ereditarju. Mhuwiex konċepibbli kif il-Qorti setgħet tasal għas-sehem riżervat mitlub mir-rikorrenti mingħajr ma tidħol fil-mertu tat-totalita` tal-assi ereditarju li jitqiesu li kienu formanti parti mill-massa litiġjuża. Il-*quod disputandum* ma kenitx biss is-sehem riżervat tar-rikorrenti, tant hu hekk li r-rikorrenti kienu qiegħdin jikkontendu wkoll permezz tal-eċċezzjonijiet tagħhom f'dik il-kawża li r-rikorrent kien eskluż mill-wirt tat-testatur għal kawża ġusta, apparti li kellhom jiġu likwidati l-assi ereditarju ta' Saviour Vella qabel ma seta' jiġi kalkulat is-sehem riżervat. Kwindi ma jagħmilx sens li t-taxxa tinħadem biss fuq il-valur tal-leġittima kif jippretendu l-appellanti.

19. Din il-Qorti rat is-sentenzi ċitati kemm mill-appellanti, kif ukoll mill-appellati, iżda fil-fehma ta' din il-Qorti l-aktar sentenza li tibqa' relevanti hija dik ċitata mill-ewwel Qorti ta' **Adelaide Ellul et v. Direttur Ġenerali tal-Qorti et,** deċiża min din il-Qorti, li kienet titratta każ identiku għal dak in eżami u li qieset proprju l-istess kwistjonijiet bħal dawk in eżami. Din il-Qorti, bħal ta' qabilha ma tara l-ebda raġuni valida biex tiskarta l-konklużjonijiet li waslet ghalihom din il-Qorti f'dik is-sentenza. Minkejja li

l-għan aħħari fil-kawża 440/2010JZM kien li jiġi determinat is-sehem riżervat spettanti lir-rikorrent f'dik il-kawża, din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-*quod disputandum* f'dik il-kawża jibqa' l-valur intier tal-assi kif jixhdu l-istess talbiet attriċi u eċċezzjonijiet f'dik il-kawża. Kwindi għamel sew ir-Reġistratur tal-Qorti meta ħadem it-taxxa fuq il-valur totali tal-assi ta' Saviour Vella, li effettivament ġew determinati permezz tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Frar, 2016.

20. Isegwi li din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni valida l-għala s-sentenza appellata tad-29 ta' Novembru, 2016, għandha tiġi riformata. Din mhijiex kwistjoni ta' ekwita` għaliex l-ewwel Qorti applikat b'mod korrett il-liġi. Hekk għamlet l-ewwel Qorti meta adottat dawk il-provvedimenti tat-tariffi li qieset applikabbli għall-każ u din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fir-raġunament tal-ewwel Qorti. L-anoloġiji magħmula mill-appellanti fil-kuntest ta' senserija, drittijiet ta' periti jew proċeduri skont l-Artikolu 495A, ma jreġux peress li f'dan il-każ, il-likwidazzjoni tal-assi ereditarju kienu propju wieħed mill-għanijiet tal-kawża 440/2010JZM. Għalhekk, din il-Qorti, m'għandha l-ebda raġuni sabiex b'xi mod tiddisturba dik id-diskrezzjoni u evalwazzjoni ġustament adoperata u applikata mill-ewwel Qorti sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet, tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta'

Novembru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi. L-ispejjeż tal-prim'istanza jitħallsu kif deċiż mill-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu mill-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da